-
- Il-Qsim gudizzjarju ta’ beni ta’ koppja mizzewga –
- Xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti minghajr separazzjoni personali –
- Artikolu 1332(1)(b) u (c) tal-Kap 16 –

# Q O R T I  Ċ I V I L I
## (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

**Illum 22 ta’ Marzu 2018**

Rikors Ġuramentat Nru.  60 / 13RGM

Kawza fil-lista:  19

**A *sive* B C**
**vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti zzewgu nhar l-ghaxra (10) ta’ Ottubru tas-sena elf disa' mija u hamsa u tmenin (1985).

2. Illi l-intimat ilu zmien twil jamministra wahdu l-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, b’tali mod illi saru diversi transazzjonijiet tul is-snin ad insaputa tar-rikorrenti u minghajr il-kunsens taghha.

3. Illi tul is-snin l-intimat zamm ghalih wahdu ammonti sostanzjali ta' flus in kwantu kera ta' garaxx formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

4. Illi l-intimat naqas milli jaghti lill-martu r-rikorrenti rendikont tal-mod kif huwa kien u ghadu sal-gurnata tal-lum jamministra l' fuq imsemmija assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

5. Illi l-intimat qieghed jonqos ukoll milli jmantni lir-rikorrenti b'mod adegwat, b'dan illi l-istess rikorrenti illum sabet ruhha f'posizzjoni fejn ma tistax tiehu hsieb sewwa l-bzonnijiet taghha.

6. Illi r-rikorrenti tbati minn kundizzjoni medika serja, u cioe' minn diabete avvanzata, u ghaldaqstant hija ma tinsabx f' posizzjoni fejn tista' tmantni lilha nnifisha.

7. Illi kull tentattiv sabiex jintlahaq l-ftehim bonarju f'dan ir-rigward ma sewa ghal xejn, u ghalhekk kellhom jigu ntavolati l-odjerni proceduri.

8. Illi permezz ta'digriet minnha moghti nhar id-29 ta' Jannar 2013 (Digriet Numru 239/13), din l-Onorabbli Qorti iddikjarat maghluqa l-medjazzjoni fl-atti tal-Ittra Numru 778/12, u awtorizzat lill-partijiet sabiex jipprocedu b'kawza fit-termini mposti mil-ligi.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tordna lill-intimat sabiex jaghti rendikont shih, dettaljat u aggornat tal-mod kif huwa amministra l-assi kollha formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet tul il-hajja mizzewga.

2. Tippronunzja l-qsim gudizzarju tal-beni bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 1332 Sub-Artikoli (b) u (c) tal-Kodici Civili, u konsegwentement tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-assi kollha formanti parti mill-istess komunjoni jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet, kif jigi stabbilit u ordnat minn din il-Qorti, inkluz il-kontijiet bankarji f' isem l-intimat kemm dawk mal-banek lokali kif ukoll dawk esteri u liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-intimat, occorrendo bil-hatra ta' perit nominandi.

3. Tordna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti sehemha mill-arretrati ta' kera illi huwa zamm ghalih wahdu minghajr ma avvanza lill-istess rikorrenti s-sehem lilha dovut f'dan ir-rigward.

4. Tordna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti retta alimentarjia xierqa u adegwata illi ghandha tigi ffissata minn din l-Onorabbli Qorti.

5. Tawtorizza lir-rikorrenti tirregistra ossia tnizzel fir-Registru Pubbliku l-eventwali sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi preliminarjament l-ewwel talba tar-rikorrenti ma tistax tigi milqugha ai termini tal-ligi billi l-artikoli 389 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ma japplikax fil-konfront tar-rapport intern bejn l-konjugi fejn hemm l-komunjoni tal-akkwist ezistenti.

2. Illi t-tieni talba ma tistax tintlaqa' anqas stante li l-esponenti f'ebda mument ma kien dizordinat jew b'xi mod pperikola l-amministrazzjoni tal-komunjoni anzi kif ghandu debitament jirrizulta ha hsieb tul il-hajja matrimonjali jzidha mhux biss f' ebda mument ma halla lir-rikorrenti martu nieqsa mill-bzonnijiet u htigijiet tal-familja.

3. Illi t-tielet talba hija rritwali u superfluwa stante li hija diga' kompriza fit-talbiet precendenti stante li l-esponenti ha hsieb li kull ammont ta' flus li dahhal sia minn kirjiet kif ukoll sorsi ohra ddepozitahom f'kontijiet bankarji jew ghadda sehem minnhom direttament lir-rikorrenti.

4. Illi fir-raba' lok l-esponenti diga' qieghed jghaddi retta alimentarja xierqa lill-imsemmija rikorrenti.

5. Illi ghalhekk it-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda u dan bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti.

6. B'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-affidavit tal-attrici mahluf fis-26 ta'April 2013 u d-dokumenti hemm annessi;

Rat x-xhieda ta'Christina Farrugia ghall-Banif Bank, Donna Ellul ghall-Lombard Bank, David Galea ghall-APS Bank Ltd, Robert Sammut ghall-Malta Stock Exchange, Romuald Attard ghall-Bank of Valletta plc, Audrey Ghigo ghall-HSBC Bank Malta plc u Joseph Saliba ghall-ETC li xehdu fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2013;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2013 fejn l-avukat tal-konvenut iddikjara li l-istess konvenut kien ser jibda jghaddi lill-attrici nofs il-

kera tal-garage fil-Fgura u gie nominat l-Avukat Dottor Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju;

Rat ix-xhieda ta' Darren Azzopardi ghall-MIDI u D Fabri ghall-International Hotel Investments plc, Stephen Bajada ghall-Mediterranean Investments Holdings plc, Gianluca Cappitta ghall-Global Capital, li xehdu fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2014 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat x-xhieda ta' Patrick Busuttil u Ivan Cilia, ghad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali li xehdu fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2014, ix-xhud Ivan Cilia xehed ukoll fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2014, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat ix-xhieda ta' Darryl Delicata ghall-Hal Caprat Limited li xehed fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2014, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat l-affidavit ulterjuri tal-attrici u n-nota taghha fejn elenkat l-propjeta' immobilli tal-komunjoni kif irrizulta mir-ricerki, li gewipprezentati fl-istess seduta;

Rat il-kontro ezami tal-attrici li sar fis-seduta tat-2 ta' Frar 2015 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat n-nota tal-partijiet ipprezentata fil-11 ta' Novembru 2015 fejn iddikjaraw li qablu fuq il-valuri tal-propjetajiet hemm elenkati;

Rat x-xhieda tal-konvenut li xehed fis-seduta tas-16 ta' Frar 2016, fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2016, fis-seduta tal-20 ta' April 2016, fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2016, u fit-18 ta' Ottubru 2016, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat n-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici pprezentata fl-1 ta' Settembru 2017 u n-nota responsiva tal-konvenut ipprezentata fil-21 ta' Novembru 2017;

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Dicembru 2017 fejn saru l-ahhar sottomissjonijiet verbali u l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

**IL-PROVI.**

**L-attrici, A sive B C,** fl-affidavit taghha mahluf fis-26 ta' April 2013,[1] iddikjarat li zzewwget lill-konvenut, D C fl-10 ta' Ottubru 1985. Matul iz-zwieg r-ragel wahdu kien jiehu hsieb il-propjeta' u l-flus li kellhom. Fiz-zwieg xtaw il-fondi 55 u 56 Triq iz-Zewg Mini, Isla kif ukoll hames garages li jinsabu fl-Isla, fiz-Zejtun, f'Wied il-Ghajn u tnejn fil-Fgura.

Il-garage bl-isem 'Redentur' Triq Sant Antnin Fgura kien nkera lill-kumpanija Bonavia and Busuttil Limited, rapprezentata mid-diretturi Patrick Busuttil u Carmelo Farrugia, bi skrittura tat-30 ta' Novembru 2005, li l-attrici annettiet mal-istess affidavit, markata Dok A. Il-kera annwali ghall-ewwel hames snin kien ta'LM1,550 ekwivalenti ghal €3,610.53. L-attrici tghid li l-konvenut qatt ma taha xejn u ma tafx x'ghamel b'dawn il-flus. Fit-tieni hames snin il-kera zdied ghal LM1850 fis-sena, ekwivalenti ghal €4,309.34. Hi tghid li ma thallset xejn minn dawn il-flus, pero' f'Dicembru 2012 il-konvenut ghaddielha s-somma ta' madwar €2,000. Il-garage ghadu mikri ghand l-istess kumpanija.

Dwar il-garages l-ohra ddikjarat li sa fejn taf hi, dawn ma kienux mikrijin. Hi ftakret li xi tlett snin qabel kien cempel xi hadd biex jkellem lil zewgha biex jikri l-garage ta' Wied il-Ghajn u zewgha kien qalilha li kien kera il-garage ghal sena. L-attrici tghid li ma rceviet l-ebda flus dwar il-kera ta' dan il-garage.

Ghandha f'isimha zewg kontijiet mal-HSBC Bank Malta plc, wiehed fih xi €20 u fl-iehor tidhol il-pensjoni ta' ohtha li ghandha bzonnijiet specjali u tiehu hsiebha hi stess.

Annettiet statement ta' Joint Fixed Account li kellha ma' zewgha mal-Bank of Valletta plc, li nghalaq fil-5 ta' Lulju 2010 u li kien fih LM 6,000 cioe' €13,976.24. Hi tghid li ma kienitx taf b'dan il-kont u kien biss wara li l-avukat taghha kiteb lill-konvenut, li l-istess konvenut taha sehemha minn dawn il-flus, ghalkemm ma hallashix f'daqqa u l-imghaxijiet mill Joint Account kien jithallsu f'Savings Account tar-ragel.

Hi tghid li taf li zewgha ghandu kontijiet bankarji ohra f'ismu kif ukoll investimenti pero ma tafx dettalji dwarhom. Tghid li ilha zmien twil titlob lir-ragel jaghtiha xi forma ta' rendikont biex tkun taf is-sitwazzjoni finanzjarja, pero' dan baqa' qatt ma taha xejn.

Zewgha jaghtiha €60 fil-gimgha ghall-hajja u jipprettendi li tixtrilu l-ikel, qabel it-2008 kien jaghtiha LM20. Jaghtiha ukoll €100 fil-bidu tax-xahar ghal sehemha mill-kera tal-garage fil-Fgura.

---

[1] Fol 20.

L-attrici tbati minn Diabete avvanzata u tiehu l-injezzjonijiet tal-Insulina kull jum, hi annettiet certifikat mediku li gie markat Dok C. Ilha zmien twil ma tistax tahdem minhabba din il-kondizzjoni u l-flus li jaghtiha zewgha ma humiex sufficjenti ghall-htigijiet taghha.
Hi tghid li zewgha minn dejjem kellu din l-attitudini fejn jidhlu l-flus. Fil-bidu taz-zwieg meta kienet tahdem c-cheque tal-paga taghha kien isarrfu hu u jzomm il-flus, lilha kien jaghtiha biss LM2 pocket money u LM10 ghall-ikel. L-istess kien ghamel bic-Childrens Allowance ghat-tifel, li kienu jircevu fl-ammont ta' LM90. Qatt ma qalilha x'kien jaghmel b'dawn il-flus, wara xi zmien kienet irrangat biex il-flus jibdew jidhlu direttament f'kont bankarju.

Sostniet li kienet kostretta li tipprocedi b'din il-kawza billi ilha zmien twil f'din is-sitwazzjoni, titlob li tinghata informazzjoni dwar sehemha mill-flus u l-propjeta'minn zewgha, izda inutilment.

L-attrici pprezentat affidavit ulterjuri fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2014 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.[2] Hi ddikjarat li kienet taf li zewgha kellu kontijiet bankarji u investimenti varji, pero' ma kienitx taf d-dettalji dwarhom, dettalji li qed tiskopri mix-xhieda li xehdu fil-kors tal-kawza.

Ghamlet referenza partikolari ghal Dok HSBC5 kont mal-HSBC Bank Malta plc, mnejn jidher li fl-20 ta' Frar 2012 zewgha ghamel 'Cash Withdrawal' ta' €31,000 u fil-25 ta' Lulju 2012 gibed 'cash' l-ammont ta' €19,990.

Hi rreferit ukoll ghall-kont Dok BOV 7 mal-Bank of Valletta plc li jidher li tul is-snin il-konvenut kellu ammonti sostanzjali fih.

Huma kienu qasmu biss kont wiehed li kien 'Joint'Dok BOV11 li meta nghalaq f'Lulju 2010 qasmu il-bilanc ta' €13,976.24. L-imghaxijiet min dan il-kont kienu jidhlu f'kont Savings li kien f'ismu biss. Il-Joint Account l-iehor li kellhom, Dok BOV 12 nghalaq f'Dicembru 2003 u l-bilanc ta'LM817 cioe' €1,903.61 kien hadhom il-konvenut.

Hi rreferit ghad-Dok MSE1 pprezentat min Robert Sammut dwar l-investimenti li zewgha kellu registrati mal-Malta Stock Exchange u ddikjarat li hi ma kienitx taf bihom u l-anqas ma kienet taf bid-dividends li thallsu minn dawn l-investimenti. Tghid li zewgha qatt ma ried jaghtiha informazzjoni ghalkemm hi ghamlet zmien twil titolbu l-informazzjoni u dettalji dwar x'kien qed jaghmel bi flushom.

Xehdet li huma ghixu hajja semplici u bla kapricci. Zewgha ma kienx jaghtiha flus l-anqas biex tixtri rigal, meta kienu ser jmorru ghand xi familjari fl-Ingilterra.

[2] Fol 384.

Kellha tirrikorri ghand familjari ohra biex tissellef xi haga zghira ta' flus biex xtrat rigal biex tiehdu maghha.

F'okkazjoni ohra zewgha kien siefer 10 tijiem fid-Dubai u l-anqas hallielha flus ghall-hajja, meta cemplitlu biex tghidlu qalilha li nesa' u kellha tmur tissellef minghand ohtu. Zewgha kien jaghtiha biss LM20 fil-gimgha u wara beda jaghtiha €60 fil-gimgha. Minnhom trid tixtri l-ikel ghalih ukoll. Hi tikkalkula li ghandha bzonn minimu ta' €95 fil-gimgha. Ghandha bzonn ukoll €50 fix-xahar ghall-htigijiet ohra li ma jinxtrawx ta' spiss.

Hi ddikjarat li zewgha qed ihallasha €100 fix-xahar ghall-arretrati tal-kera tal-garage fil-Fgura. Kien biss f'Dicembru 2012 li l-konvenut beda jhallasha sehemha mill-kera tal-garage. Minn dan l-ammont hi thallas sehemha mill-kont tad-dawl. Fil-fatt thallas zewg terzi mill-kont billi ghandha lil ohtha maghha li tiehu hsiebha hi billi ghandha bzonnijiet specjali, pero' ohtha ghandha il-flus taghha.

Billi tbati bid-Diabete ghalkemm ma thallax ghall-medicini trid taghmel dieta specjali, li tirrikjedi certi spejjez.

Il-propjeta' immobbli taghhom fiz-zwieg hi dik li rrizultat mir-ricerki li saru min-Nutar Charles Vella Zarb, ghandhom ukoll zewg vetturi, Subaru J10 u Mercedes li ilha li nxtrat aktar minn ghoxrin sena dak iz-zmien bil-prezz ta' LM10,000.

L-attrici xehdet in kontro ezami fis-seduta tat-2 ta' Frar 2015 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.[3] Hi ddikjarat li hi u zewgha ma kienux qed jghixu flimkien. Ghalkemm jghixu fl-istess dar matrimonjali ghandhom access separat minn barra. Ilha toqghod ghar-rasha fl-istess dar matrimonjali xi sentejn. Qalet li zewgha qatt ma kien ikellimha fuq investimenti, kien jmexxi kollox hu. Id-dokumenti tal-banek kien izommhom hu, anke meta kienu ghadhom jghixu flimkien. Ir-ragel qatt ma kien spjegalha xejn u kienet tinduna li kienu tal-Vilena jew tal-Corinthia mill-envelope.

Wara li zzewwget damet erba snin tahdem ma' La Novelle Factory. Kienet ukoll tahdem ma' Delicata darba fil-gimgha u c-cheque kien jkun fuq isem ir-ragel li kien isarrfu mac-cheque l-iehor f'isimha ta' La Novelle Factory.

Kien hemm sena meta zewgha kien jhallilha flus f'kexxun f'envelope u hi kellha tikteb x'hadet fuq l-istess envelope. Darba t-tifel ta' tifel li kien ha LM10 u qattaghha, u darba ohra nsiet tikteb fuq l-envelope u zewgha rvilla u ma baqax ihalli l-flus fil-kexxun. Hi cahdet li beda jpoggihom f'kexxun iehor.

---

[3] Fol 424.

Fis-sena 2012 ma komplewx jghixu flimkien, fl-istess sena, ohtha marret tghix maghha. Il-kont tad-dawl u l-ilma jaqsmuh bejniehom, bejn erba' meta kien hemm t-tifel u bejn tlieta meta l-attrici kellha lill-ohtha maghha.

L-attrici ma tidholx fil-parti tad-dar okkupata mir-ragel billi kien hadilha c-cavetta.

Christina Farrugia, ghall-**Banif Bank Malta plc,**[4] iddikjarat li mir-ricerka li saret irrizulta li ma kien hemm l-ebda kont f'isem il-partijiet.

Donna Ellul, ghall-**Lombard Bank Malta plc,**[5] iddikjarat li saret ricerka mill-1 ta' Jannar 1990 u rrizulta li ma kien hemm l-ebda kont f'isem il-partijiet.

David Galea, ghall-**APS Bank Ltd,**[6] iddikjara li saret ricerka u rrizulta li l-partijiet qatt ma kellhom kontijiet mal-Bank.

Robert Sammut, ghall-**Malta Stock Exchange**,[7] iddikjara li saret ricerka fuq il-partijiet u rrizulta li kien hemm holdings f'isem il-konvenut. Hu pprezenta Statement of Holdings tal-konvenut li giet immarkata Dok MSE1, Fol 200, li jikkonsistu fis-segwenti:

| | |
|---|---|
| 5.6% Global Capital plc Euro Bonds 2014/2016 | 7,000 |
| 7.5% Mediterranean Investments Holding plc Bonds 2015 | 20,000 |
| Bank of Valletta plc Ordinary Shares | 5,198 |
| International Hotel Investments Ord Shares | 3,101 |
| MIDI plc Ordinary Shares | 8,800 |

Romwald Attard, ghall-**Bank of Valletta plc**,[8]ipprezenta 10 prospetti ta' kontijiet bankarji f'isem il-konvenut wahdu li gew immarkati BOV1 sa BOV10 u zewg prospetti dwar zewg kontijiet bankarji f'isem iz-zewg partijiet li gew immarkati BOV11 u BOV12. Il-kontijiet kienu s-segwenti:

Dok BOV1 naghlaq fis-7 ta' Marzu 2001   bilanc ta' LM3,000.
Dok BOV2 naghlaq fis-16 ta' Dicembru 1999 bilanc ta' LM2,000.
Dok BOV3 naghlaq fis-7 ta' Marzu 2001 bilanc ta' LM15,011.01.
Dok BOV4 naghlaq fis-7 ta' Marzu 2001 bilanc ta'LM2003.26.
Dok BOV5 naghlaq fil-25 ta' Ottubru 2011 bilanc ta' €8,036.34.
Dok BOV6 naghlaq fit-22 ta' Mejju 2006 bilanc ta' LM440.88.

[4] Fol 33.
[5] Fol 35.
[6] Fol 37.
[7] Fol 39.
[8] Fol 41.

Dok BOV7 naghlaq fl-4 ta' Gunju 2013 bilanc ta' €575.33.
Dok BOV8 naghlaq fis-7 ta' Mejju 2013 bilanc ta'GBP257.95.
Dok BOV9 naghlaq fil-25 ta'Ottubru 2014 bilanc €8,500.
Dok BOV10 naghlaq fit-30 ta' Dicembru 2014 bilanc ta' €6,000.
Dok BOV11 Joint naghlaq fil-5 ta' Mejju 2010 bilanc €13,976.24.
Dok BOV12 Joint naghlaq fid-19 ta' Awissu 2004 bilanc ta' LM1,533.76.

Audrey Ghigo ghall-**HSBC Bank Malta plc,**[9] iddikjarat li saret ricerka dwar x'kontijiet ghandhom il-partijiet fil-Bank u pprezentat sitt dokumenti li gew immarkati Dok HSBC1 sa Dok HSBC6.

Dok HSBC1 hu kont f'isem l-attrici, bilanc fis-7 ta' Jannar 2013 ta'€350.17 Fol 78.
Dok HSBC2 hu kont f'isem l-attrici, bilanc fit-3 ta' Gunju 2013 ta'€20.60 Fol 111.
Dok HSBC3 hu kont f'isem l-attrici, Visa Classic Account Statement,bilanc fl-14 ta' Mejju 2013, Fol 176 €539.09.
Dok HSBC4 hu kont f'isem il-konvenut, bilanc fis-7 ta' Mejju 2013 Fol 188 kien ta' €500.97.
Dok HSBC5 hu kont f'isem il-konvenut, Savings Account, bilanc fis-6 ta' Gunju 2013 kien ta'€415.21 Fol 194.
Dok HSBC6 hu Fixed Deposit ghal sena f'isem il-konvenut fl-ammont ta'€10,000 li jimmatura fit-13 ta' Mejju 2014 bil-bilanc ta' €10,177.43. Fol 196.

Joseph Saliba ghall-**ETC,**[10] ipprezenta l-Employment History tal-partijiet li gew immarkati Dok ETC1 u Dok ETC2, li minnhom jirrizulta li l-attrici kienet impjegata bhala hajjata mal-kumpanija La Novelle (M) Ltd mit-13 ta' Ottubru 1982 sa l-1 ta' Lulju 1988. Il-konvenut kien impjegat bhala driver ma' Hal-Caprat Ltd mill-24 ta' Lulju 1967 u waqaf jahdem ghar-ragunijiet ta' sahha fit-30 ta' April 2012.

Romwald Attard, ghall-**Bank of Valletta plc,** fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2013,[11]ipprezenta 10 Statements ta' kontijiet bankarji li l-konvenut kellu ma' terzi li gew immarkati Dok BOV13 sa Dok BOV23.

Dawn il-kontijiet kollha naghlqu hlief wiehed, Dok BOV21 li fit-23 ta' Mejju 2006 kellu bilanc ta' LM2,022.72

[9] Fol 44.
[10] Fol 46.
[11] Fol 210.

Ix-xhud esebixxa ukoll 11 il-dokument li gew immarkati Dok BOV24 sa Dok BOV34 dwar il-Valletta Fund Management u ddikjara li seba huma maghluqin u erba ghadhom miftuhin. Irrizulta li l-investimenti kienu kollha f'isem il-konvenut.

Ix-xhud spjega li 'subscription' tfisser il-bidu tal-investiment u 'redemption' tfisser l-konkluzjoni tal-investiment, u kkonferma li l-Vilhena Dynamic Multi Manager Fund gie redeemed fis-6 ta' Lulju 2010 u trasferit f'Savings Plan fil-Vilhena Euro Manager Fund dejjem f'isem il-konvenut.

Darren Azzopardi, ghall-**MIDI,**[12] iddikjara li f'isem il-konvenut D C hemm 8,800 ordinary shares, li inxtraw fl-14 ta' Dicembru 2010. Il-valur hu ta' 30 cents kull share. Hu esebixxa l-e-mail mill-Borza ta' Malta li tikkonferma d-data meta s-shares gew subscribed, Dok DA1 u estratt mis-share holder register, Dok DA2 li juri kemm ghandu shares.

D Fabri, ghall-**International Hotel Investments plc,**[13] esebixxa dokument, Dok AF1 li jikkonferma il-holdings ta' D C, li fis-16 ta' Jannar 2014 kellu 3,101 ordinary shares, li fl-istess gurnata kellhom valur ta' 90 cents per share. Is-shares inxtraw fit-23 ta' Mejju 2000, Dok AF2.

Stephen Bajada, ghall-**Mediterranean Investments Holdings plc**,[14] esebixxa dokument markat Dok SB li minnu jirrizulta li 'at close of business' fis-16 ta' Jannar 2014 il-konvenut kellu registrat mall-Malta Stock Exchange, 20,000 bonds 7.5% Mediterranean Investments Holding plc Bond 2015. Dawn inxtraw fit-2008 b'imghax ta' 7.5% pagabbli kull 4 ta' Dicembru. Il-Bonds jimmaturaw fl- ta' Dicembru 2014. L-interessi thallsu lil D C.

Gianluca Cappitta, ghall-**Global Capital,**[15] esebixxa Valuation Statement tal-investimenti li l-konvenut ghandu ma' Global Capital. Mid-Dok GC jirrizulta li l-valur totali tal-portfolio tal-konvenut hu ta' €15,081 u mid-Dok GC1 jirrizulta li l-konvenut kellu f'ismu tlett investimenti:

1. Global Capital plc EUR Bond 5.6% 2014-2016

Nxtraw 7000 units fit-2 ta' Gunju 2006, valur fis-16 ta' Jannar 2014 €5,950 u jithallas €332.20 fis-sena dividends (Gross 392.00 Tax 58.50)

2. Aberdeen Global Select Euro High Yield Bond Fund A1

Nxtraw 1,459 units(10,168Euro) fl-14 ta' Marzu 2011. Valur fis-16 ta' Jannar 2014, 9,131 Euro.

---

[12] Fol 327.
[13] Fol 327.
[14] Fol 328.
[15] Fol 329.

3. Global Fund Sicav-Malta Privatisation and Equity Fund.
Inxtraw 3,056 units (LM3,000) fil-25 ta' April 2005 u nbieghu fl-1 ta' Marzu 2011 bil-prezz ta' €5,668.

Ix-xhud iddikjara li l-konvenut kellu zewg poloz ta' assigurazzjoni u kien hemm ohra li giet surrendered fit-2010 u nfethet ohra fl-istess data cioe' 19 ta' Frar 2010.

Patrick Busuttil, Managing Director ta' **Bonavia and Busuttil Limited,**[16]ipprezenta bhala Dok PB skrittura ta' lokazzjoni tat-30 ta' Novembru 2005, kif ukoll ricevuti u print out tal-pagamenti li saru lis-sinjuri C ghall-kera tal-garage 'Redentur' fi Triq Sant Antnin, Fgura. Il-garage inkera ghal hmistax il-sena, bil-kera ta' LM1,550 ghall-ewwel hames snin, li joghla ghal LM1850 fis-sena ghat-tieni hames snin u ghal LM2150 fis-sena ghat-tielet hames snin.

Ivan Cilia, ghad-**Dipartiment tas-Sigurta' Socjali,**[17] iddikjara li D C jircevi pensjoni ta' zewg terzi b'effett mill-1 ta' Settembru 2012 li tammonta ghal €136.57 fil-gimgha li ghadu qed jircevi kull gimgha. Hu ghalaq l-eta' pensjonabbli ta' 61 sena propju fl-1 ta' Settembru 2012 u beda jircevi l-pensjoni minn dik id-data.

Dwar A C ma rrizultax li kienet qed tircievi xi beneficcji mid-Dipartiment. Kienu jiehdu c-Childrens Allowance li pero' wafqet fis-sena 2005.
L-anqas irrizulta li saret xi applikazzjoni f'isem A sive Silvia C.
Hu pprezenta d-dokumenti markati Dok IC 1 sa Dok IC 6 li juri kif inhadmet il-pensjoni tal-konvenut.

Darryl Delicata, ghall-Kumpanija **Hal Caprat Limited,**[18] ddikjara li kien jaf lill-konvenut billi dan kien ghamel certu zmien jahdem maghhom. Il-Kumpanija timporta l-imbejjed minn barra u hu kien self employed iqassam l-ordnijiet, u jiehu percentagg ta'5% fuq il-biegh.

Wara s-sena 2012 il-konvenut beda jmur darba jew darbtejn fil-gimgha, ghal xi tlieta jew erba' sieghat u kien jithallas €5 fis-siegha.

D C, l-konvenut xehed f'diversi seduti mizmuma mill-Assistant Gudizzjarju. Meta xehed fis-seduta tas-16 ta' Frar 2016[19] ddikjara li ilu mizzewweg mal-attrici mis-sena 1985 u f'dak iz-zmien kien jahdem bix-xarabank. Sas-sena 1996 kien jahdem

---

[16] Fol 351.
[17] Fol 352.
[18] Fol 380.
[19] Fol 444.

full time ma' tal-inbid u fl-istess sena biegh x-xarabank. Wara n-1996 sakemm ghalaq s-sittin sena kien jahdem ma' tal-inbid ‘part time’. Kien jithallas ‘commission’ u meta jkollu LM1,000 kien jiddepozithom il-Bank u kien jzomm xi mitejn lira go kexxun f’envelope, ghall-mara u kien jghidilha biex meta tiehu xi flus taghmel notament fuq l-envelope, pero’ meta kien jistaqsiha kienet tghidlu “issa ma nafx x’ghamilt”.

Darba kien halla LM10 biex hi tixtri l-gas izda ma sabitx il-flus u saret ‘fratterija shiha fuqha din’. Wara rrizulta li kien hadha t-tifel, sabitha l-attrici meta battlet il-biefcase tieghu, imqatta’ bicciet. Dan kien fin-1997. Minn dak iz-zmien kien qalilha biex jekk ikollha bzonn titolbu l-flus.

Hu qal li l-flus li wiret minghand ommu u l-flus tax-xarabank kollha il-Bank poggihom. Kienu bieghu post Wied il-Ghajn wirt ta’ ommu bil-prezz ta’ LM32,000 sehemu kien ta’ LM16,000 li ddepozithom fil-Bank. Kien hemm post iehor l-Isla li nbiegh LM10,000 sehemu kien ta’ LM5,000. Il-postijiet wirtuhom hu u ohtu Carmen Balzan.

Kien hemm propjetajiet ohra wirt tan-nanniet, r-rikavat tal-biegh ta’ post nqasam bejn erba’, l-kontijiet bankarji huma fuq Abdilla, Degiovanni u Busuttil.

Iddikjara li l-investimenti a Fol 313 sa 324 il-flus taghhom gew depozitati il-Bank. Hu ezebixxa ukoll ic-certifikat tal-kondotta tieghu.

Iddikjara li sas-sena 2008 il-flus tal-kera tal-garage fil-Fgura kien jdahhalhom hu u min dik is-sena kien beda jaghtiha nofs il-kera li kien idahhal. Hu cahad li sehema beda jhallasha fis-sena 2012. Ma kienx baqa’ ihalli lill-mara flus fl-envelope wara l-incident tal-ghaxar liri li sabu imqatta fil-basket tat-tifel u beda jaghtiha LM20 fil-gimgha. Xhed li minn sena l’hawn hu ghandu ‘main’ ghalih u l-mara ghandha ‘main’ ghaliha u l-kontijiet jircevuhom u ihallsuhom separatament. Xhed li il-Van Transit inxtara fiz-zwieg u nbiegh fiz-zwieg bil-prezz ta’LM7,000. It-Truck inbiegh fiz-zwieg bil-prezz ta’LM1,600 pero’ nxtara fin-1981, hu izzewweg fin-1985.

Fis-seduta tal-20 ta’ April 2016 il-konvenut gie muri kopja ta’ ricevuta tas-16 ta’ Mejju 1995 li minnha jirrizulta li John u Josette Zerafa kienu qed ihallsu lill-partijiet LM2200, kwantu ghal LM2000 hlas lura ta’self u kwantu ghl LM200 imghax. Il-konvenut ddikjara li l-hlasijiet ta’ dan is-self kienu jsiru b’kambjali li kellu jipproduci f’seduta ohra.

Meta gie mfakkar ukoll b’self lil Julian Camilleri ta’ LM10,000, il-konvenut iddikjara li dan kien tah t-terturi biex ha il-flus lura minghandu. Kien tah il-flus lura bl-ezatt bla imghax u flokk l-imghax tah kaxxa hut.

Mistoqsi jekk l-ewwel kienx isellef u wara jmur jinforma lil martu b'dak li jkun ghamel, irrisponda li l-mara kienet tghidlu li thalli kollox f'idu.

Kien sar self iehor ma' certu John u Marisa ta' LM18,000 dan is-self kien thallas. Dwar il-kont BOV11 il-konvenut jghid li meta ttrasferixxa il-flus minn dan il-kont joint ghall-kont f'ismu hu lill-mara kien taha LM3,000 cioe' €7,000, wara li l-mara kienet kitbitlu bl-avukat.

Dwar il-kont BOV3 li fih bilanc ta' LM15,000 iddikjara li kien biegh ix-xarabank bil-prezz ta' LM17,000, iddepozita LM15,000 u l-elfejn lira ddepozithom x'imkien iehor.

Dwar il-kont BOV7 li hu f'ismu li fih ammonti sostanzjali, gie mistoqsi kienx jinforma lill-mara u hu ddikjara li ma kienx ghax ma kienitx tinteressa ruhha.

L-ittri minnghand l-avukat dwar lis-statements beda jircevihom meta kien gja' fil-Qorti. Hu ammetta li recentement sbanka €16,000 biex jixtri karozza lit-tifel. Dwar l-investimenti li ghandu registrati mal-Malta Stock Exchange hu ddikjara li bid-dividends jew interessi hu ma kienx jghid lill-mara, pero kien jmur il-bank u jiftah xi kont gdid.

L-**Ispettur Josrin Mifsud,**[20] ipprezenta il-kondotta ta' D C li giet immarkata Dok JM.

IL-partijiet b'nota pprezentata fil-11 ta' Novembru 2015,[21] elenkaw **il-propjetajiet immobbli tal-komunjoni** u qablu fuq il-valuri taghhom. Dawn huma s-segwenti:

1. Il-mezzanin 55 Two Gates Street, Senglea valur €180,000.
2. Il-fond 56, Two Gates Street, Senglea valur €190,000.
3. Garage 'Redentur' Triq Sant Antnin, Fgura valur €160,000.
4. Garage numru 5 Triq il-Grawwa, Fgura valur €120,000.
5. Garage numru 19 fil-ground floor, formanti parti minn group ta' garages, bla isem f'Ta Ghattew fil-kuntrada Ta' Ganza', Zejtun valur €12,000.
6. Garage numru 17 fil-livell tal-baement formanti parti minn group ta' garages accessibbli minn Triq ix-Xmiel, Marsascala valur €10,000.
7. Garage bla numru li qabel kien jifforma parti mid-dar 26, Triq San Mikiel, Senglea valur €12,000.

[20] Fol 471
[21] Fol 439.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

Il-partijiet zzewwgu fl-10 ta' Ottubru 1985 kellhom tifel wiehed li illum hu maggiorenni. L-attrici kienet tahdem mas-socjeta' kummercjali La Novelle (M) Limited mit-13 ta' Ottubru 1982 sal-1 ta' Lulju 1998 u wara ddedikat ruhha kompletament tiehu hsieb id-dar u l-familja.

Il-konvenut kien jahdem bix-xarabank u kellhu xoghol ma' Hal Caprat u kien jithallas bil-commission. Meta ghalaq 61 sena fl-1 ta' Settembru 2012 beda jircevi pensjoni ta' €136.57 fil-gimgha, cioe' €546.28 fix-xahar. Lill-attrici jhallasha manteniment ta' €60 fil-gimgha li minnhom tixtrilu l-ikel. Huma jghixu separati f'zewg fondi adjacenti li huma interkomunikati, b'meters separati tad-dawl u l-ilma, kull parti thallas il-kont taghha.

L-attrici ma tircievi l-ebda pensjoni jew beneficcji socjali, issofri minn Diabete u tinhtieg l-Insulina kull jum, maghha joqghod bin il-partijiet, maggiorenni, u ohtha li ghandha bzonnijiet specjali pero'ghandha il-mezzi taghha propji, u mhiex ta' piz finanzjarju fuq l-attrici.

Fil-kors taz-zwieg taghhom il-konvenut hadembarra mid-dar, mentri l-attrici hadet hsieb id-dar u l-familja. Matul iz-zwieg il-partijiet akkwistaw iz-zewg fondi urbani minnhom okkupati u hames garages li jistghu jinkrew b'kera sostanzjali. Nfethu diversi kontijiet bankarji, fosthom kontijiet li l-konvenut fetah ma' ohtu Carmen Balzan dwar il-wirt ta' ommu u kont iehor ma' terzi dwar il-wirt tan-nannu matern. Gew akkwistati titoli, azzjonijiet u investimenti varji registrati mal-Malta Stock Exchange. Gew ikkuntrattati diversi mutwi ma' terzi li hallsu l-imghax fuq is-self. Nxtraw u nbiegh numru ta' vetturi waqt iz-zwieg.

L-attrici tillmenta mill-mod kif il-konvenut kien jamministra wahdu l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti. Tghid li fejn jidhlu l-flus il-konvenut kien minn dejjem jappropja ruhhu minhom. Hekk kien jaghmel bil-paga taghha meta kienet ghadha tahdem, u bic-Childrens Allowance sakemm baqghu jircevuha.

Il-konvenut jghid li malli kien jgemma' LM1000 kien jmur jiddepozitha il-Bank, lill-attrici kien jhallilha envelope b'xi LM300 biex tiehu minnhom ghall-hajja, purche' taghmel notament fuq l-envelope tal-ammont li tkun hadet. Dan, pero', wara xi zmien ma baqax issir, sia ghax l-attrici xi kull tant kienet tinsa taghmel n-notament u l-konvenut 'beda jiddejjaq', kif ukoll ghalhiex, darba, t-tifel, li kien ghadu zghir, ha karta ta' LM10 u wara xi zmien din instabet imqatta' fil-basket tal-iskola tieghu. Minn dak iz-zmien l-attrici kellha titolbu l-flus kull meta jkollha bzonn.

L-attrici tghid li giet kostretta tipprocedi b'din il-kawza, billi ghalkemm kienet ripetutament titlob lill-konvenut l-informazzjoni dwar il-posizzjoni finanzjarja taghhom dan kien dejjem jirrifjuta. Tghid li saret taf x'ghandhom mix-xhieda li xehdu fil-kors tal-kawza u li kien biss wara r-rikors taghha tal-1 ta' Novembru 2013 li l-konvenut fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2013 obbliga ruhhu li jghaddilha nofs il-kera tal-garage fil-Fgura.

Il-konvenut mill-banda l-ohra, jghid li l-attrici qatt ma interessat ruhha f'investimenti, f'titoli u f'azzjonijiet, u li f'kwistjonijiet ta' flus kienet dejjem thalli f'idejh.

L-attrici ghalhekk qed titlob li l-konvenut jaghti rendikont shih, dettaljat u aggornat tal-mod kif amministra l-assi tal-komunjoni, li tigi xjolta u diviza il-komunjoni tal-akkwisti u ssir s-separazzjoni tal-beni fit-termini tal-artikolu 1332 (b) u (c) tal-Kodici Civili u li l-konvenut ihallasaha retta alimentarja xierqa u adegwata.

Il-konvenut qed jikkontesta t-talbiet kollha tal-attrici billi eccepixxa li l-obbligu tar-rendikont ma' japplikax fir-rapport intern bejn il-konjugi, li hu qatt ma kien dizordinat jew b'xi mod ipperikola l-amministrazzjoni tal-komunjoni u li diga' qed jghaddi retta alimentarja xierqa lill-attrici.

Ikkonsidrat dwar it-talba ghar-Rendikont.

**Kodici Civili.**

Id-drittijiet u d-dmirijiet tal-mizzewgin lejn xulxin huma elenkati fl-ewwel artikoli tal-Kodici Civili.

**Artikolu 2(2)** jipprovdi:

"Il-mizzewgin ghandhom jeddijiet indaqs u jerfghu responabbiltajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom. Ghandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jiefqu ma xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment."

**Artikolu 3** :

"Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skont il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja."

Il-Ligi timponi l-istess obbligazzjonijiet fuq iz-zewg konjugi, t-tnejn ghandhom jikkontribwixxu bl-ahjar kapacita' taghhom ghall-gid komuni, biex f'ambjent seren, dejjem in 'bona fede' b'lejalta' u onesta' lejn xulxin, jahdmu biex flimkien itejbu hajjithom kemm mill-aspett morali kif ukoll mill-aspett materjali.

Hu essenzjali li fiz-zwieg, decizjonijiet straordinarji jittiehdu flimkien. Ix-xiri ta' propjeta' immobbli u investment ta' kapital sostanzjali jikkwalifikaw bhala decizjonijiet straordinarji u f'dawn is-sitwazzjonijiet partikolari l-koppja ghandhom l-ewwel jiddiskutu flimkien u jiddecidu flimkien fl-ahjar interess komuni taghhom.

Fil-kaz in ezami rrizulta li l-proprjetajiet immobbli gew akkwistati miz-zewg partijiet bejn 16 ta' Ottubru 1984 u t-13 ta' Jannar 2000 ( huma zzewwgu fl-10 ta' Ottubru 1985). Dehru t-tnejn fuq il-kuntratti kollha. L-attrici ghalhekk ma tistax tilmenta li ma kienet taf xejn dwar il-proprjeta' immobiljari.

Pero, l-istess ma jistax jinghad ghad-depoziti bankarji u ghall-investimenti li jidher li saru unilateralment mill-konvenut li wahdu kien qed jinvesti minghajr ma jaghti rendikont lill-attrici oltre illi kien wahdu qed jircevi l-imghaxijiet u d-dividendi relattivi minghajr ma jinforma b'xejn lill-attrici. Anke dwar il-kirjiet ta' immobbli tal-komunjoni lill-terzi da parti mill-konvenut, lill-attrici la kien jinformaha u wisq anqas jaghtiha rendikont u sodisfazzjoni dwar x'kera qed jircevi u x'inhu jigri minnha. Dan jirreferi b'mod partikolari ghal garaxx gewwa l-Fgura.

**Ligi u Gurisprudenza**.

L-attrici qed issejjes il-kawza odjerna fuq l-**Artikou 1332 (1) (b) u (c)** li jipprovdu kif gej:-

"***Il-qsim ġudizzjarju ta' beni jista' jiġi dikjarat -***

***- omissis -***

***Jew***

***(b) meta s-sitwazzjoni diżordinata ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ jew l-imġieba tagħha dwar l-amministrazzjoni tal-akkwisti tipperikola l-interessi tal-komunjoni tal-akkwisti, jew tal-familja jew tal-parti li titlob il-qsim ġudizzjarju tal-beni; jew***

***(ċ) meta waħda mill-partijiet fiż-żwieġ tonqos sostanzjalment fid-dmir li tagħti sehemha għall-ħtiġiet tal-familja skont l-artikolu 3.***"

Ikompli jipprovdi hekk dan l-artikolu:-

*(2) Il-qsim ġudizzjarju ta' beni jista' jintalab biss minn waħda mill-partijiet fiż-żwieġ jew mir-rappreżentanti leġittimi tagħha;*

***hekk iżda li dak il-qsim ma jistax jintalab mill-parti jew mir-rappreżentanti tal-parti li minħabba fiha jkunu nqalgħu r-raġunijiet għal qsim ġudizzjarju msemmija fis-subartikolu (1)(b) jew (ċ).***

***- omissis -***

***(4) Fis-sentenza li tiddikjara l-qsim ġudizzjarju ta' beni, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza bejn il-partijiet tista tkun finali u konklużiva:***

***Iżda l-qorti tista', bla ħsara għal kull jedd akkwistat minn terzi, tordna li s-sentenza tibda tgħodd qabel id-data li fiha jkun ġie ppreżentat l-att tal-kawża li tkun ġiet deċiża.***

***- omissis -***

***(6) Il-qorti tista', meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tordna li l-beni li jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien, wara li tispiċċa l-komunjoni tal-akkwisti, li tista' tistabbilixxi.***

***(7) Kull ordni mogħti mill-qorti bis-saħħa tas-subartikolu (6), jista', jekk tingħata raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti.***

***- omissis -***

***(10) Kull sentenza li tordna qsim ġudizzjarju ta' beni ma jkollhiex seħħ kontra terzi ħlief mill-jum li fih dik is-sentenza tkun reġistrata fir-Reġistru Pubbliku.***

**Artikolu 1333**:-

***Il-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti għandu jsir billi nofs il-beni u l-passiv tal-komunjoni jinqasmu nofs kull wieħed bejn il-miżżewġin.***

Jehtieg qabel xejn jigu trattati l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut.

**L-Ewwel Eccezzjoni.**

**"Illi preliminarjament l-ewwel talba tar-rikorrenti ma tistax tigi milqugha ai termini tal-ligi billi l-artikolu 389 et sequitur tal-Kodici Civili ta'**

**Organizzazzjoni u Procedura Civili ma japplikax fil-konfront tar-rapport intern bejn il-konjugi fejn hemm il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti."**

Permezz tal-ewwel talba taghha l-attrici qed titlob illi l-konvenut jigi ordnat jaghti rendikont shih, dettaljat u aggornat tal-mod kif huwa amministra l-assi kollha formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet tul il-hajja mizzewga. Tenut kont li l-kawza odjerna ma hiex wahda ta' separazzjoni personali u tenut kont li l-kawza hija msejsa fuq l-Artikolu 1332 (1) (b) u (c) jehtieg li jigi ezaminat jekk tali talba hiex kompatibbli mal-artikolu imsemmi.

L-attrici qed titlob rendikont minghand zewgha tal-finanzi tal-komunjoni tul iz-zwieg taghhom u cioe' mill-10 ta' Ottubru 1985 sallum, perijodu mifrux fuq kwazi tlieta u tletin (33) sena. Fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha l-attrici, meta trattat din it-talba taghha, taghti x'tifhem illi tali talba qed tigi msejsa fuq l-artikoli 389 et seq tal-Kap. 12 li jinsabu taht is-subtitolu VII intitolat "Fuq ir-Rendikont u l-Likwidazzjoni tal-Frottijiet". Fil-fehma tal-Qorti dawn l-artikoli ma humiex applikabbli ghall-komunjoni tal-akkwisti vigenti bejn konjugi. Tali talba lanqas taqa taht l-Artikoli 1332 u 1333 tal-Kap. 16 Il-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti jsehh billi "... billi nofs il-beni u l-passiv tal-komunjoni jinqasmu nofs kull wieħed bejn il-miżżewġin." [ Artikolu 1333]. L-artikolu 1332 tal-Kap 12 ma jaghtiex is-setgha lill-Qorti sabiex tordna lil xi hadd mill-konjugi sabiex jaghti rendikont tal-amministrazzjoni tal-beni tal-komunjoni tul il-hajja matrimonjali kollha tal-partijiet.

Naturalment sabiex isehh dak provdut bl-artikolu 1333 ikun mehtieg li ssir il-kumpilazzjoni tal-provi rigwardanti l-passiv u l-attiv tal-komunjoni tal-akkwisti; u fejn ikun hemm kazijiet, bhal dak odjern, fejn parti fiz-zwieg tkun amministrat wahedha l-beni tal-komunjoni, l-oneru ta' x'gara mill-assi tal-komunjoni hekk amministrati tkun fuq dik il-parti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tichad l-ewwel talba attrici.

**It-Tieni Eccezzjoni**.

Permezz tat-tieni eccezzjoni tieghu il-konvenut jeccepixxi illi:-

**"It-tieni talba ma tistghax tintlaqa' anqas stante li l-esponenti f'ebda mument ma kien dizordinat jew b'xi mod pperikola l-amministrazzjoni tal-komunjoni anzi kif ghandu debitament jirrizulta ha hsieb tul il-hajja matrimonjali jzidha mhux biss f'ebda mument ma halla lir-rikorrenti martu nieqsa mill-bzonnijiet u htigijiet tal-familja."**

In tema legali ssir referenza ghas-sentenza in parte fl-ismijiet "**Angelina sive Lina Schembri vs Francis Schembri**" moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja) fit-12 ta' April 2007 fejn il-Qorti kienet qed titratta eccezzjoni dwar l-applikabilita' tal-Artikolu 1332 tal-Kap. 16:-

"Minn qari tal-Artikolu 1322 tal-Kodici Civili (Kap 16), jirrizulta bl-iktar mod car li wahda mill-konjugi tista' titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti u l-qsim tal-gid bejn il-konjugi minghajr il-htiega li tintalab separazzjoni. Hekk per ezempju l-Artikolu 1322(4) tal-Kodici Civili jipprovdi li meta l-Qorti tordna l-qsim gudizzjarju tal-beni, f'dik l-istess sentenza ghandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti tispicca. Il-qsim gudizzjarju tal-beni jwassal biex il-beni li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti jinqasmu bejn il-konjugi, b'dan li skond l-Artikolu 1322(6) tal-Kodici Civili l-Qorti ghandha l-awtorita' li tordna li l-beni "ma jinqasmux qabel ma jghaddi dak iz-zmien, wara li tispicca l-komunjoni ta' l-akkwisti, li tista' tistabbilixxi". ............................Ghalhekk bla dubju l-kawza ntavolata mill-attrici taqa' fil-parametri ta' l-Artikolu 1332(1)(b). Issa jekk l-attrici jirnexxilix taghti prova ta' dan hija kwistjoni ohra, li m'huwiex il-meritu ta' din is-sentenza preliminari. Ghalkemm, kif ighid il-konvenut, zwieg f'Malta igib ipso jure l-komunjoni tal-akkwisti , b'daqshekk ma jfissirx li din it-tip ta' kawza m'hijiex kontemplata mil-ligi. Ghalhekk m'huwiex minnu li sabiex tispicca l-komunjoni tal-akkwisti u jinqasam il-gid bejn il-konjugi trid issir talba kontestwali ghas-separazzjoni bejn il-konjugi. Kif rajna, l-Artikolu 1322 tal-Kodici Civili qieghed jipprovdi ghal rimedju ghal min mill-konjugi jsib ruhu f'wahda mic-cirkostanzi kontemplati mill-Artikolu 1322 tal-Kodici Civili."

L-istess Qorti kienet ippronunzjat sentenza in parte ohra fl-istess kawza fis-16 ta' Settembru 2009 li minnha gie interpost appell li gie deciz fit-2 ta' Marzu 2010 li kkonfermat is-sentenza in parte fl-ewwel grad:-

"Jigi ppuntwalizzat ukoll li l-fatt li l-attrici kienet thalli kollox f'idejn zewgha, ma jfissirx li hu kellu dritt li jabbuza mill-fiducja taghha jew li jittratta l-gid tal-familja bhallikieku kien tieghu biss. Fil-fehma tal-Qorti dak li gara wara li l-attrici fittxet id-drittijiet taghha huwa rifless tal-mod kif il-konvenut kien dejjem jagixxi u senjatament kif kien qed jamministra l-komunjoni qabel ma nfethet il-kawza. Hu kien qed jamministra b'mod qiesu l-flus tan-negozju kienu kollha tieghu."

Il-Qorti issa ser tghaddi sabiex tevalwa l-provi mressqa sabiex tistabbilixxi jekk jirrizultawx l-estremi  li jwasslu ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u l-likwidazzjoi u d-divizzjoni tal-assi komuni.

Kif rajna, l-partijiet ilhom mizzewgin tlieta u tletin (33) sena. Fl-affidavit taghha[22] l-attrici spjegat fid-dettal x'wassalha sabiex tistitwixxi l-proceduri odjerni. Issemmi illi ghalkemm huma t-tnejn flimkien kienu krew lil socjeta' kummerjcali garaxx li ghandhom gewwa l-Fgura, il-kera kien jirceviha l-konvenut u ma jaghtiha l-ebda informazzjoni dwar kemm dahhal kera u x'ghamel bihom hlief li kien jaghtiha mitt ewro fix-xahar u jghidilha li dawn kienu sehmha mill-kera tal-Fgura. Dan il-garaxx kien inkera fis-sena 2005 u llum il-kirja hi ta' 'l fuq minn erbat elef ewro (€4,000) fis-sena. Tghid li fis-sena 2012 kien ghaddielha s-somma ta' elfejn ewro (€2,000)bhala parti mill-kera li kien gabar relattiv ghal dan il-garaxx.[23] Issemmi wkoll li l-garaxx ta' Wied il-Ghajn kien inkera ghal xi sena izda zewgha ma taha l-ebda sodisfazzjon la kemm kienet il-kera u lanqas x'sar minnhom il-flus tal-kera ricevuti.

L-attrici tat rendikont tal-kontijiet bankarji f'isimha kif ukoll dawk joint. Pero' xehdet illi kien hemm kontijiet bankarji ohra f'isem il-konvenut li pero' il-konvenut ma kien jaghtiha l-ebda informazzjoni dwarhom nonostante li l-fondi hemm depozitati kienu jappartjenu l-komunjoni tal-akkwisti.

F'seduta mizmuma quddiem l-assistent gudizzjarju fis-26 ta' Settembru 2014 l-attrici ezebiet affidavit ulterjuri tirreferi ghall-provi li kienu tresqu minn diversi istituzzjonijiet bankarji u finanzjarji. Tghid hekk:-

*"Nghid u nerga' ghal darba ohra nikkonferma illi jien ma kontx naf illi tul iz-zwieg taghna r-ragel D C kien qieghed jiftah u jaghlaq dawn il-kontijiet mal-Bank u jaghmel investimenti ohra. nikkonferma wkoll illi jekk ircevejna interessi jew pagamenti ohra inkluz xi dividends skond kif xehdu whud mir-rapprezentanti tal-kumpaniji msemmija fid-dokument MSE 1, lanqas dawn ma kont naf bihom. Zewgi qatt ma tani informazzjoni f'dan ir-rigward anke wara illi jiena domt zmien nitolbu d-dettalji dwar x'kien qieghed jaghmel bil-flus taghna.*

------- *omissis* -------

*Hekk kif diga' kont spjegajt fl-affidavit illi kont ipprezentajt f'April 2013, nghid illi din l-attitudni illi ghandu zewgi fejn jidhlu l-flus ilha ghaddejja zmien. Issa wara li kelli niftah din il-kawza sirt naf bil-kontijiet u l-investimenti kollha illi hu ilu jaghmel tul is-snin minghajr ma jghidli bihom. Jien dawn il-flus illi ngibdu minnu u l-pagamenti illi kien jircievi ma nafx x'sar minnhom."*

Il-konvenut cahad dak li xehedet martu li ma kienx jaghtiha sodisfazzjoni ta' xejn dwar il-flus li kien idahhal u jinvesti. Xhed illi mis-sena 2008 huwa kien jaghti

[22] Fol. 20
[23] "Nerga' nghid illi mill-bqija dawn il-flus jien ma nafx x'sar minnhom. Dan il-garaxx partikolari ghadu mikri lill-kumpanija..............." [fol. 20].

lill-attrici nofs il-flus li kien idahhal mill-kera ta' garaxx. Spjega illi iz-zewg genituri tieghu huma mejta u li ghalhekk wirithom. Jghid li kien ukoll biegh ix-xarabank. Min-naha ta' ommu kien hemm post Wied il-Ghajn li nbiegh u sehemu kien sittax-il elf liri Maltin (Lm16,000). Hu u ohtu kienu wirtu wkoll post l-Isla li nbiegh ghal Lm10,000 u allura messu Lm5,000. Jghid li dawn il-flus kollha kien iddepozithom fil-kontijiet li jissemmew f'din il-kawza. Jghid li kien ukoll irceva sehemu li wiret minghand ommu li kien gej minn wirt tan-nanniet li kellu jinqasam f'erba' ishma. F'dan ir-rigward jirreferi ghall-kontijiet bankarji mal-Bank of Valletta plc intestati "A C, R.Abdilla, C Degiovanni, M Busuttil"[24] kif ukoll kontijiet intestati f'ismu u f'isem ohtu.

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Ezaminati bir-reqqa l-provi kollha prodotti mill-partijiet il-Qorti qed tasal ghall-konkluzzjoni illi l-attrici irnexxielha tipprova b'mod sodisfacenti illi nonostante t-talbiet ripetuti taghha fuq medda ta' zmien, il-konvenut kien qed ihalliha fil-ghama fil-maggorparti tal-flejjes appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti. Jidher illi ghall-konvenut, il-fatt li l-flejjes kienu primarjament originaw bil-hidma tieghu, allura l-attrici ma kelliex dritt ikollha taghrif adegwat dwar il-quantum ta' dawn l-assi kif ukoll dwar kif kienu qed jigu depozitati u/jew investiti. Kien jirrifjuta wkoll li jghidilha x'ghamel investimenti u x'kienu qed irendu. Il-konvenut kien jitratta dawn l-investimenti daqs li kieku kienu patrimonju personali tieghu li l-attrici ma kelliex dritt ikollha taghrif dwarhom, ahseb u ara kemm tiehu sehem fid-decizzjonijiet dwarhom. Jirrizulta li dan ma kienx agir ta' darba izda agir sistematiku u persistenti mifrux fuq medda ta' snin.

L-attrici tilmenta mill-fatt li sa mill-bidu nett taz-zwieg taghhom f'kull okkazzjoni fejn jidhlu il-flus, l-konvenut kien unilateralment jiehu l-inizzjattiva li wahdu jiddecidi x'ghandu jsir bil-flus tal-komunjoni, minghajr ma jitkellem u jiddiskuti maghha. L-konvenut, dan ma jikkontestahx, pero' jinsisti li kien jaghmel hekk billi l-attrici qatt ma kienet turi interess fi kwistjonijiet ta'depoziti bankarji u investimenti f'titoli, dan anke ghalhiex prezumibilment r-ragel hu aktar intiz f'din il-materja. **Dan pero' ma jffisirx li r-ragel jista' jamminintra il-beni tal-komunjoni daqs li kieku martu ma tezistix. Anzi meta wiehed mill-konjugi jkun hafna izjed familjari u kompetenti fi kwistjonijiet ta' finanzi u investimenti mill-parti l-ohra, izjed jizdied l-obbligu tieghu ta' trasparenza u korrettezza assoluta fil-konfront tal-parti l-ohra.**

[24] Fol. 214 et. Seq.

L-attici tinsisti li ilha s-snin eskluza minn kull informazzjoni dwar l-assi tal-komunjoni, u li ripetutament zewgha, ghalkemm kienet tistaqsih, kien jirrifjuta li jinformaha kif kien qed jamministra l-beni tal-komunjoni. L-attrici, ghalhekk qed tipprocedi b'din il-kawza fejn qed titlob is-separazzjoni tal-beni tal-komunjoni, skont l-Artikolu 1332 tal-Kodici Civili.

Irrizulta li l-mod kif kien qed jamministra l-assi tal-komunjoni l-konvenut, kien qed jipperikola l-interessi tal-attrici martu. Il-konvenut kellu l-obbligu li jzomm lill-attrici infurmata b'dak kollu li hu kien jaghmel bl-assi tal-komunjoni, anke jekk ma tifhimx jew ma kienitx turi interess. Il-konvenut kien obbligat li jinforma lill-martu bl-investimenti f'titoli li kien ghamel unilateralment fil-kors taz-zwieg u mhux jzommha fil-ghama, japroppja ruhhu mid-dividends tal-investimenti u l-kirjiet ta'propjetajiet tal-komunjoni.

L-attrici hi ghalhekk gustifikata li titlob s-separazzjoni tal-beni tal-komunjoni.

Fil-fehma tal-Qorti l-agir tal-konvenut fir-rigward jinkwadra ruhu fid-dispost tal-artikolu 1332 (1) (b) tal-Kap. 15 stante li l-imgieba tieghu dwar l-amministrazzjoni tal-akkwisti qed tipperikola l-interessi primarjament tal-attrici kif ukoll tal-komunjoni tal-akkwisti. Sodisfatti l-estremi kontemplati fis-sub inciz (1) (b) mhux mehtieg li jigi wkoll trattat jekk tresqux provi sodisfacenti fir-rigward tad-dispost tas-sub inciz (1) (c).

**<u>Terminazzjoni u Likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti ai termini tal-Artikoli 1332 u 1333 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**.

Stabbilit illi gew sodisfacentement ippruvati mill-attrici l-estremi tal-Artikolu 1332 (1) (b) tal-Kap. 16 il-Qorti qed tordna t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet ai termini tas-sub inciz 4 tal-Artikolu 1332 kif ukoll il-likwidazzjoni u d-divizzjoni tal-assi tal-komunjoni ai termini tal-Artikolu 1333 tal-Kap 16.

**Likwidazzjoni u Divizzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti**

In tema legali ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet "**Clothilde Incardona vs Angelo Incardona**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Mejju 1955 fejn gie dikjarat:

"Il-mara li tezercita l-azzjoni ghas-separazzjoni tal-beni, ghandha tispecifika liema sostanzi trid li jigu lilha assenjati.

Ghalkemm fic-citazzjoni ma tkunx saret it-talba ghan-nomina ta' Nutar biex jippublika l-Att tas-separazzjoni tal-beni u kuratur biex jidher ghall-kontumaci fuq dak l-Att, il-Qorti ghandha il-poter tissupplixxi u taghti kull provvediment biex s-

sentenza ma tkunx nulla, u jkollha il-forza ezekuttiva mehtiega li hija element sostanzjali taghha".

**Assi Immobiljari**.

B'nota kongunta pprezentata mill-partijiet fil-11 ta' Novembru 2015[25] elenkaw il-propjeta' immobbli tal-komunjoni u qablu dwar il-valuri rispettivi taghhom.

Irrizulta li l-partijiet joqghodu f'zewg fondi adjacenti, 55 u 56 Two Gates Street Senglea li huma interkomunikati, b'meters separati tad-dawl u l-ilma, fondi li huma propjeta' tal-komunjoni. Jixraq ghalhekk li kull-parti tigi assenjata d-dar li qed tokkupa fil-prezent.

Ghalkemm l-attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet finali taghha,[26] tiddikjara li hi tirrisjedi fil-fond bin-numru 55, Two Gates Street, Senglea u l-konvenut jirrisjedi fil-fond numru 56 fl-istess triq, mill-atti jirrizulta il-kuntrarju, cioe' li hi tirrisjedi fil-fond numru 56 u zewgha jirrisjedi fil-fond 55. Hekk fil-fatt huma indikati l-indirizzi rispettivi tal-partijiet fir-rikors promotorju, u mir-riferta, Fol 14, jirrizulta li l-konvenut gie notifikat personalment fl-indirizz moghti li hu 55, Two gates Street, Senglea.

Wara li l-Qorti ezaminat il-valuri moghtija mill-partijiet lill-proprjeta' immobiljari taghhom qed tispartixxi l-istess bejn iz-zewg konjugi bil-mod segwenti.

Tordna li **lill-attrici** jigu assenjati s-segwenti:

**1. Il-fond 56, Two Gates Street, Senglea (valur ta' €190,000), u**
**2. Il-garage bl-isem 'Redentur' fi Triq Sant Antnin, Fgura (valur ta'€160,000).**

Valur totali tal-propjeta' immobbli **€350,000.**

Tordna li **lill-konvenut** jigu assenjati s-segwenti:

**1. Il-fond 55, Two Gates Street, Senglea (valur ta' €180,000).**
**2. Il-garage numru 5, Triq il-Grawwa, Fgura (valur ta' €120,000).**
**3. Il-garage 19 parti minn block ta' garages fil-kuntrada Ta' Ganza, Zejtun (valur ta' €12,000).**
**4. Il-garage immarkat numru 17 fil-livell tal-basement f'korp ta' garages f'bitha interna accessibbli minn Triq ix-Xmiel, Marsascala (valur ta'€10,000).**

[25] Fol 439.
[26] Fol 487.

**5. Il-garage bla numru gia' numru 26 fi Triq san Mikiel, Senglea (valur ta' €12,000).**

Valur totali tal-propjeta' immobbli **€334,000**

Id-differenza fil-valur hi ta'€16,000 favur l-attrici li ghalhekk ghandha thallas bhala ekwiparazzjoni lill-konvenut s-somma ta'€8,000 biex b'hekk l-valur ta' kull sehem mill-immobbli jkun ta'**€342,000.**

**Kontijiet Bankarji u Investiment Finanzjarji:-**

Il-kontijiet u d-depoziti bankarji li huma 'joint' f'isem z-zewg partijiet ghandhom jinghalqu u l-bilanc fil-kont ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet u depozitati f'zewg kontijiet separati f'isimhom pero' individwalment.

L-istess ghandu jsir b'kontijiet jew depoziti bankarji li huma f'isem il-partijiet individwalment. Dawn ghandhom jinghalqu u t-total tal-bilanci fil-kontijiet kollha ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet u jigu depozitati f'zewg kontijiet separati f'isimhom individwalment.

Huma eskluzi minn dan l-ezercizzju l-kontijiet bankarji li l-konvenut ghandu ma ohtu, Carmen Balzan dwar il-wirt ta' ommhom u l-kontijiet li l-konvenut ghandu ma' terzi dwar il-wirt tan-nannu matern.

It-titoli u l-investimenti li irrizultaw waqt dawn il-proceduri u li jinsabu intestati f'isem il-konvenut ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet, fejn dan mhux possibbli ghandhom jinbieghu u r-rikavat jinqasam ugwalment bejniethom. Jekk dan mhux possibbli ghaliex m'ghadhomx f'isem il-konvenut allura huwa ghandu jhallas lill-attrici nofs il-valur taghhom.

Il-konvenut ghandu wkoll ihallas lill-attrici ammont ekwivalenti ghal nofs il-flus li kienu depozitati f'kontijiet intestati f'isem il-konvenut u li gew maghluqa mis-sena 2010 'il quddiem.

**Kera.**

L-attrici qed titlob ukoll li fil-likwidazzjoni u divizzjoni tal-komunjoni jigu wkoll inkluzi l-kirjiet li l-attur gabar matul is-snin u li appropriha ghalih minghajr l-ebda informazzjoni lill-attrici. Il-garaxx tal-Fgura inkera €3,611.50 (Lm1,150) fis-sena mis-sena 2005 sas-sena 2010; bil-kera ta' €4,310.50 (Lm1,850) fis-sena mis-sena 2010 sas-sena 2015 u bil-kera ta' €5,009.50 fis-sena mis-sena 2015 'il quddiem. L-attrici xehdet illi l-konvenut kull ma kien jaghtiha minnhom kienet is-somma ta'

€100 fix-xahar u wara li baqghet tippersisti li tinghata sehemha, fis-sena 2012 taha s-somma ta' €2,000 bhala parti minn sehemha ta' din il-kera.

Qed jigi kalkolta illi mill-1 ta' Dicembru 2005 sallum il-konvenut gabar bhala kera minn fuq dan il-fond is-somma ta' €18,057 mill-2005 sal-2010; is-somma ta' €21,552.50 mill-2010 sal-2015; u s-somma ta' €10,019 mill-2015 sal-2017; b'kollox €49,628.50.

Jekk wiehed jiehu in konsiderazzjoni is-somma ta' mitt ewro fix-xahar li l-konvenut kien jghaddi lill-attrici akkont ta' din il-kera u s-somm ta' elfejn ewro li l-konvenut ghadda lill-attrici ghal darba wahda biss fis-sena 2012 jirrizulta illi mis-sena 2005 sallum il-konvenut ghadda lill-attrici s-somma ta' erbatax-il elf u erba' mitt ewro (€14,400) filwaqt li l-konvenut zamm ghalih is-somma ta' aktar minn hamsa u tletin elf ewro (€35,000). Ghalhekk il-Qorti qed tikkundannah sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta' ghaxart elef, u erba' mitt ewro (€10,400) sabiex b'hekk il-kera imsemmi ikun gie diviz ugwalment bejn il-partijiet.

**Manteniment.**

L-attrici qed titlob ukoll li l-konvenut jigi kkundannat ihallas manteniment. Fir-risposta guramentata tieghu il-konvenut jiddikjara illi qed jghaddi lill-mara mantement adegwat.

**Artikolu 3 tal-Kodici Civili** jipprovdi illi "Il-partijiet fiż-żwieġ għandhom l-obbligu, kull waħda minnhom skont il-mezzi u l-ħila tagħhom, li jaħdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinħtieġu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu għall-ħtiġiet tal-familja."

**Artikolu 5 tal-Kodici Civili** jipprovdi:-

"(1) Għall-manteniment, ir-raġel jew il-mara jiġu qabel l-omm u l-missier jew axxendenti oħra.

(2) Meta sew l-ulied kemm ir-raġel jew il-mara jitolbu l-manteniment, ilkoll għandhom jedd daqsinsew.

(3) Ir-raġel u l-mara, sakemm jistgħu jieħdu l-manteniment mingħand xulxin, ma jistgħux jitolbuh mingħand uliedhom jew dixxendenti oħra jew mingħand l-axxendenti taghhom."

Irrizulta li sa minn meta ghalaq il-61 sena, fil-1 ta'Settembru 2012 il-konvenut beda jircevi pensjoni ta'€136.57 fil-gimgha cioe'€ 546.28 kull erba' gimghat, dan apparti il-bonus, imghaxijiet min depoziti bankarji u investimenti u kirjiet ta' garages.

Lill-attrici jhallasha €60 fil-gimgha li minnhom trid isajjarlu u tahsillu l-hwejjeg.

L-attrici ma tircievi l-ebda beneficcju socjali u apparti li s-€60 fil-gimgha mhumiex sufficjenti ghall-ispejjez tal-hajja, hi tbati minn diabete avvanzata li tipprekludiha milli tahdem u ghandha spejjez ta' medicini partikolarment l-insulina li trid tiehu kulljum.

L-**Artikolu 20** tal-Kap 16 jghid hekk:

(1) Il-manteniment ghandu jinghata skont il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min ghandu jaghtih.

- Omissis -

(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, ghandu jittiehed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess beneficjarju taht trust.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Angela Conti vs Lawrence Bonnici**" deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Frar 2015 ntqal:

"Wiehed l-ewwel net ghandu jifhem li f'ezercizzju bhal dak li taghmel il-Qorti meta tiffissa l-hlas tal-manteniment l-istess Qorti tkun qed taghmel apprezzament tal-fatti li jkollha quddiemha u mbaghad skont l-artikoli tal-ligi fuq imsemmija tal-Kodici Civili tasal ghall-konkluzjoni taghha dwar x'ghandu jkun l-ammont gust li jithallas".

Fil-kawza fl-ismijiet "**Catherine Mifsud vs Louis Mifsud**" deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Ottubru 2013 ntqal:

"Il-manteniment ma huwiex xi dritt sagrosant ta' min jissepara izda jigi ordnat il-hlas tieghu meta hemm il-bzonn (L-artiklou 20.1 tal-Kodici Civili jghid jghid li l-manteniment ikun dovut skont il-bzonn ta' min qed jitolbu). Skont is-subincizi l-ohra tal-istess artikolu l-manteniment ghandu jigi ffissat skont il-mezzi ta' min hu obbligat jivversah u dawn il-mezzi jinkludu l-qliegh mill-attivita' tieghu u anke l-utili tal-beni tieghu".

Fil-kawza odjerna jirrizulta illi sew minhabba l-eta tal-attrici kif ukoll il-kondizzjoni medika li minnha ssofri, il-possibilita' li tohrog tahdem mhiex wahda reali. Jidher li lanqas il-konvenut ma hu qed jopponi it-talba tal-attrici fir-rigward. Tant illi fir-risposta guramentata tieghu jirrispondi ghat-talba attrici ghall-manteniment billi jghid illi huwa qed jghaddi lill-attrici manteniment adegwat.

Isegwi ghalhekk illi l-konvenut qed jaqbel li ghandu jkompli jghaddi manteniment lill-attrici. In-nuqqas ta' qbil jirreferi ghall-quantum ta' dan il-manteniment.

Fic-cirkostanzi partikolari il-Qorti hi tal-fehma illi l-manteniment tal-attrici minghand zewgha ghandu jkun fl-ekwivalenti ta' nofs il-pensjoni tal-konvenut f'kull zmien b'dan illi awment fil-pensjoni tal-konvenut ghandu jwassal ghal awment awtomatiku fis-somma ta' manteniment pagabbli mill-konvenut lill-attrici. Il-Qorti qed tordna illi d-Direttur tas-Sigurta' Socjali ghandu f'kull zmien ihallas direttament lill-attrici nofs il-pensjoni tal-irtir pagabbli lill-konvenut.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tichad il-kumplament tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut;

1. Tichad l-ewwel talba tal-attrici .

2. Tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet attrici, tiddikjara xjolta u terminata il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u dan b'effett mill-jum li fih din is-sentenza ssir *res judicata;* tordna l-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet bil-mod kif deciz supra taht l-intestatura "**Terminazzjoni u Likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti ai termini tal-Artikoli 1332 u 1333 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta"**;

3. Tinnomina lin-Nutar Dottor Nicholas Briffa sabiex jippubblika l-att ta' divizzjoni relattiv u lill-Avukat Dottor Phyllis Aquilina sabiex tidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess Att;

4. Tilqa' r-raba' talba attrici bil-mod kif deciz supra taht l-intestatura **"Manteniment"** u ghalhekk tordnra lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha somma ekwivalenti ghal nofs il-pensjoni tal-irtir li jircevi l-konvenut.

5. Tilqa' l-hames talba tal-attrici.

L-ispejjez jithallsu terz mill-attrici u zewg terzi mill-konvenut filwaqt li l-ispejjez relatati mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt fuq imsemmi jithallsu nofs kull parti.

**Imhallef** **Deputat Registratur**